I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 672/2008

**tat-8 ta' Lulju 2008**

**li jadatta l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 64, l-Artikolu 65(2), l-Artikolu 82 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Annessi VII, XI u XIII tiegħu, kif ukoll l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20, l-Artikolu 64 u l-Artikolu 92 tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' impjegati oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi kien hemm żieda sinjifikanti fl-għoli tal-ħajja fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvija, fil-Litwanja u fir-Rumanija matul il-perjodu bejn Ġunju u Diċembru 2007, u billi l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u impjegati oħra għandhom għalhekk jiġu aġġustati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mis-16 ta' Novembru 2007, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw, bis-saħħa ta' l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u impjegati oħra fil-pajjiżi imsemmija hawn taħt, huma stabbiliti kif ġej:

— il-Bulgarija 69.7

— il-Litwanja 77.4.

*Artikolu 2*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2008, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw, bis-saħħa ta' l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u impjegati oħra fil-pajjiżi imsemmija hawn taħt, huma stabbiliti kif ġej:

— l-Estonja 83,6

— il-Latvja 83,6

— ir-Rumanija 78,8.

*Artikolu 3*

B'effett mill-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skond l-Artikolu 17(3) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għal trasferimenti minn uffiċjali u impjegati oħra għandhom ikunu kif ġej:

— il-Bulgarija 61.4

— l-Estonja 80,8

— il-Latvja 78,8

— il-Litwanja 71,5

— ir-Rumanija 72,9.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 420/2008 (ĠU L 127, 15.5.2008, p. 1).

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. LAGARDE